**5 ta' Ġunju, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt, LL.D.**

Giuseppe Mizzi

*versus*

Anġelo sive Ġulinu Buttigieg

**Appell — Provi — Xhieda u Dokumenti — Kontumaċja — Art. 206 (2) tal-Proċedura Ċivili.**

*Meta l-konvenut fil-prima istanza jkun baqa' kontumaċi, ma jistgħax quddiem il-Qorti tal-Appell, jipproduċi xhieda ġodda, sakemm ma jiġġustifikax il-kontumaċja. Din il-projbizzjoni, però, ma testendix ruħha għal provi oħra li jkun jista' l-konvenut appellant jagħmel skond il-liġi, kif inhuma dokumenti, subizzjoni jew provi oħra.*

*Għaldaqstant mhix ta' min jilqagħha talba biex jiġu sfilzati xi dokumenti li ġew prodotti mal-petizzjoni tal-appell, bażata din it-talba fuq il-motiv li l-konvenut appellant kien kontumaċi fil-prima istanza.*

Il-Qorti:— Rat il-verbal tad-29 ta' Mejju 1961, mnejn jidher li l-appellat talab l-isfilz tal-ittri eżibiti mal-petizzjoni tal-appell, peress li l-appellant kien kontumaċi quddiem l-Ewwel Qorti, u dawk l-ittri ma ġewx prodotti in prima istanza. L-appellat talab li dan l-inċident jiġi deċiż preliminarment;

Skond l-art. 206 (2) tal-K.O.P.C., meta l-konvenut filprima istanza jkun baqa' kontumaċi, ma jistgħax, quddiem din il-Qorti, jipproduċi "xhieda ġodda", sakemm ma jiġġustifikax dik il-kontumaċja. Fil-kawża "Vella vs. Attard", deċiża fit-8 ta' Frar 1943 (Vol. XXXI-I-290), din il-Qorti rriteniet illi, ladarba l-leġislatur uża l-kelma "xhieda" (u mhux il-kelma ġenerika "provi"), hu ma riedx jestendi dik il-projbizzjoni għal provi oħra li jkun jista' l-appellant

jagħmel skond il-liġi, kif inhuma dokumenti, subizzjoni, jew provi oħra;

Anki l-ewwel subartikolu tal-imsemmi artikolu jitkellem fuq "xhieda" li ma jkunux ġew prodotti quddiem l-Ewwel Qorti;

Ma jidherx li hemm imkien band'oħra fil-Kodiċi projbizzjoni simili dwar dokumenti, ħlief kif sejjer jingħad. L-art. 144 jgħid illi d-dokumenti kollha li jsaħħu t-talba (tal-appellant) għandhom jinġiebu mal-petizzjoni; u meta dan ikun ġie osservat, il-limitazzjonijiet tal-art. 149 ma japplikawx;

Issa, kif ġa ntqal, l-ittri in kwistjoni ġew eżibiti mill-appellant mal-petizzjoni, u għalhekk ma jidherx li din il-Qorti tista' tilqa' t-talba tal-appellant u tordna l-isfilz tagħhom mill-proċess għar-raġuni mogħtija mill-istess appellat;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddirimi l-inċident billi tiċħad it-talba tal-appellat; bl-ispejjeż kontra tiegħu.